MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-24 ta' April, 2013

Avviz Numru. 14/2013

**Raymond Mifsud**

**vs**

**John Cauchi**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat nhar il-15 ta’ Jannar 2013 fir-Registru ta’ din il-Qorti fejn talab lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur, in linea ta’ danni, is-somma ta’ sitt elef, hames mija u erbghin ewro (€6,540.00) danni kkagunati minhabba mperizja, negligenza, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti meta fid-19 ta’ Ottubru 2011 raqad fuq l-isteering, tilef il-kontroll u kkaguna danni fil-Minibus numru IMY 304. Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa ngunt ghas-subizzjoni u bl-imghax min-notifika ta’ dana l-avviz.

Rat ir-risposta tal-konvenut John Cauchi li giet prezentata fil-25 ta’ Frar, 2013 fejn eccepixxa:

*1. “Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghadhom jigu michuda kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt;*
*2. Illi l-esponenti fid-data tal-incident tad-19 ta’ Ottubru 2011 huwa kien jahdem mar-rikorrenti bhala xufier ta’ Mini Bus, proprjeta’ tar-rikorrenti u li kienet responsabilita tar-rikorrenti li l-vettura li huwa kien gie mqabbad isuq li tkun inxurjata skond il-ligi u li tkopri lill-istess impjegat tieghu u cioe’ l-esponenti;*
*3. Illi l-fatt li r-rikorrenti ma inxurjax l-mini bus suggett ta’ din il-kawza fully comprehensive u allura jkoprhiex lill-esponent bhala haddiem imphjegat mieghu bhala xufier tal-istess mini bus IMY 304, huwa nuqqas legali tar-rikorrenti u ta’ dan ma ghandux ibaghti danni l-esponenti tant li wara l-incident in kwistjoni, ir-rikorrenti kien qal lill-esponenti li kien sejjer jiehu hsieb huwa tant li l-esponenti baqa jahdem mieghu bhala xufier sa ftit gimghat wara l-istess incident;*
*4. Illi ghalhekk l-esponenti ma huwiex l-legittimu kontradittur f’dawn il-proceduri fic-cirkostanzi tal-kaz;*
*5. Salv eccezzjonijiet ohra u bl-ispejjez.”*

Il-Qorti fis-seduta tal-10 ta’ April 2013 semghet il-partijiet jittrattaw l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut fis-seduta tas-6 ta’ Marzu 2013 fejn sostnali l-azzjoni odjerna kellha tigi proposta fic-Centru Malti ta’ l-Arbitragg u dana bl-applikazzjoni tad-disposizjonijiet **tar-Raba (4) Skeda tal-Kap 387** tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi l-konvenut nomine qed jghid li l-attur qatt ma messu fetah din il-kawza quddiem din il-Qorti u dan ghaliex, permezz tal-Avviz Legali Numru 420 tas-sena 2004, il-legislatur ried, li dawn it-tip ta’ kawzi jigu decizi minn Arbitru.

L-attur invece jsostni li l-Arbitragg Mandatarju m’ghandux japplika ghall-kaz in ezami u dan ghaliex fil-fehma tieghu il-mertu tal-kawza hija naxxenti minn relazzjoni ex contractu bejn l-attur li huwa l-imghallem u l-konvenut li huwa l-haddiem tieghu u appuntu qed ifittxu ghall-hsarat li sofra meta huwa kien qed isuq il-vettura tieghu u b’negligenza, imperizja u non osservanza tar-regolamenti

tat-traffiku ikkaguna hsara lill-mini bus numru ta' registrazzjoni IMY 304.

Il-Qorti hija ukoll konxja tas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet '**Untours Insurance Agency Ltd et vs Victor Micallef**', deciza fil-25 ta' Mejju 2012, fejn gie ritenut li din il-ligi ta' Artbitragg Mandatarju mmexxija taht l-Avviz Legali 279 tal-2005 u l-artikolu 15(11) tal-Kapitolu 387 (Att dwar l-Arbitragg) tmur kontra l-provvedimenti tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6(1) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi nonostante li nghatat din is-sentenza pero' l-ligi baqghet l-istess u ghadha in vigore u ghalhekk il-gudikant ghandu id-dover jaghmel referenza ghaliha.

Il-*Fourth Schedule* dwar *Mandatory Arbitration* fil-parti initolata Taqsima A Artikolu 1.2 jipprovdi s-segwenti:

*1.2 '**Tilwimiet dwar it-traffiku ta' Vetturi bil-Mutur'**.*

"Kull tilwima ċivili jew kummerċjali, li ma tkunx waħda li jkollha x'taqsam ma' talba għal danni għal ħsara fil-persuna, li tkun tilwima li toriġina minn:
(*a*) kolliżjoni bejn vetturi, jew
(*b*) ħsara involontarja fil-proprjetà li tinvolvi l-vetturi, jew
(*ċ*) talba bħal dik kontra assiguratur awtorizzat, kumpannija assiguratriċi fuq il-ħajja, *underwriter* approvat mill- Ministru responsabbli għattrasport jew persuna oħra li skont l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104) jew xi polza ta' assigurazzjoni, tista' tkun responsabbli dwarha, u
(*d*) li l-valur tagħha ma jkunx jeċċedi l-ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87)."

Illi ghalhekk jirrizulta bic-car li it-talba attrici taqa' fil-parametri tas-sub inciz (b) ta' din l-istess Taqsima.

Jinghad li tali procedimenti hi ta' indoli koercitiva u sussegwentement ghandha tinghata interpretazzjoni

ristrettissima u dan ghaliex l-interpretazzjoni ta’ ligi ghandha tkun dejjem konsona mar-raguni. Din il-Qorti ma tistax tinjora il-volonta’ superjuri tal-Poter Legislattiv kif espress bil-kliem u bil-kostruzzjoni tal-ligi stess. Sakemm tibqa’ in vigore tali ligi, il-Qorti hija marbuta li tapplikha.

Ghal kull buon fini il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza taghha stess fl-ismijiet ‘**Kevin Micallef vs Gasan Mamo Insurance Ltd (C3143) u Bianca Rizzo**’ moghtija nhar l-14 ta Novemberu 2012 fuq din il-materja.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ dan il-kaz.**

**Tordna wkoll li tibghat kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lil Kummissjoni inkarigata mir-revizjoni tal-ligijiet.**

**L-ispejjez tal-kawza a karigu tal-attur.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------